REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2128

tat-12 ta' Novembru 2019

li jistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali u r-regoli għall-ħruġ ta' ċertifikati uffiċjali għal oġġetti li jiġu kkonsenjati lill-bastimenti li jkunu se jitilqu mill-Unjoni u li huma maħsuba għall-provvista tal-vapuri jew għall-konsum mill-ekwipaġġ u mill-passiġġieri, jew għal bażi militari tan-NATO jew tal-Istati Uniti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 77(3)(a), 90(a) u (f) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi r-regoli li jridu jikkonformaw magħhom l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri meta jwettqu kontrolli uffiċjali fuq annimali u oġġetti li jidħlu fl-Unjoni sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-katina agroalimentari.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2124 ([2]) jistipula r-regoli għall-kontrolli uffiċjali ta' kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji mill-annimali, prodotti derivati, ħuxlief u tiben u prodotti komposti minn pajjiżi terzi, li jkunu maħżuna f'imħażen li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni, u li jridu jiġu kkonsenjati jew lil bażi militari tan-NATO jew tal-Istati Uniti li tinsab fit-territorju tal-Unjoni jew f'pajjiż terz, jew lil bastiment li jkunu se jitilqu mill-Unjoni u li huwa maħsub għall-provvista tal-vapuri jew għall-konsum mill-ekwipaġġ u mill-passiġġieri.

(3) Ir-Regolament Delegat 2019/2124 b'mod partikolari jipprevedi li dawk il-kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji mill-annimali, prodotti derivati, ħuxlief u tiben u prodotti komposti jrid ikollhom magħhom ċertifikat uffiċjali meta jitilqu mill-maħżen.

(4) Ir-Regolament Delegat 2019/2124 jipprevedi wkoll li l-kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji mill-annimali, prodotti derivati, ħuxlief u prodotti komposti minn pajjiżi terzi li jkunu destinati għal bastiment li jkun se jitlaq mill-Unjoni jrid ikollhom magħhom ċertifikat uffiċjali meta jiġu ttrasportati mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera għall-bastiment.

(5) Għal raġunijiet ta' ċarezza u ta' konsistenza, jixraq li jiġi stabbilit mudell uniku ta' ċertifikat uffiċjali għall-kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji tal-annimali, prodotti derivati, ħuxlief u tiben u prodotti komposti minn pajjiżi terzi li jkunu destinati għall-kunsinna lil bastimenti li jkunu se jitilqu mill-Unjoni u li jkunu maħsuba għall-provvista tal-vapuri jew għall-konsum mill-ekwipaġġ u mill-passiġġieri, jew għall-bażijiet militari tan-NATO jew tal-Istati Uniti li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni jew f'pajjiż terz.

([1]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2124 tal-10 ta' Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-regoli għall-kontrolli uffiċjali ta' kunsinni ta' annimali u ta' oġġetti fi tranżitu, trażbord u trasport ulterjuri, li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008, (KE) Nru 1251/2008, (KE) Nru 119/2009, (UE) Nru 206/2010, (UE) Nru 605/2010, (UE) Nru 142/2011, (UE) Nru 28/2012, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/759 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE (Ara paġna 73 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(6) Spiss, il-kontenut tal-kunsinni jiġi ffurmat fl-imħażen. Tali kunsinni jistgħu jikkonsistu minn oġġetti li jkunu derivati minn diversi kunsinni ta' oriġini jew ta' kategoriji ta' prodotti differenti. Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, jenħtieġ li jintuża ċertifikat uffiċjali uniku għall-oġġetti fil-kunsinni li jkunu għadhom kif ġew iffurmati. It-traċċabbiltà tal-oġġetti jenħtieġ li tiġi żgurata billi fiċ-ċertifikat uffiċjali jiġi indikat in-numru tad-Dokument Sanitarju Komuni tad-Dħul (CHED) li jiġi mal-kunsinni oriġinali li minnhom jkunu derivati l-oġġetti.

(7) Iċ-ċertifikat uffiċjali jista' jinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti jew f'format stampat jew f'format elettroniku. Għalhekk, jixraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti fir-rigward tal-ħruġ taċ-ċertifikat uffiċjali fiż-żewġ każijiet.

(8) Għall-fini ta' konsistenza, ir-regoli li japplikaw għall-ħruġ ta' ċertifikati elettroniċi u għall-użu ta' firma elettronika għal ċertifikati uffiċjali stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 ([3]) jenħtieġ li japplikaw ukoll għall-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali stabbilit f'dan ir-Regolament.

(9) Il-mudelli taċ-ċertifikati huma inklużi fis-sistema elettronika TRACES, stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/623/KE ([4]) u bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/292/KE ([5]) biex jiffaċilitaw u jħaffu l-proċeduri amministrattivi fil-fruntieri tal-Unjoni u fl-imħażen doganali u biex jippermettu l-komunikazzjoni elettronika bejn il-partijiet involuti. Għaldaqstant, il-format tal-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali stipulat f'dan ir-Regolament u n-noti dwar il-mili tiegħu jenħtieġ li jiġu adattati għas-sistema TRACES.

(10) F'konformità mal-Artikolu 133(4) tar-Regolament (UE) 2017/625, is-sistema TRACES trid tiġi integrata fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni għall-Kontrolli Uffiċjali (IMSOC). Għalhekk, il-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali stipulat f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi adattat għall-IMSOC.

(11) Ir-Regolament (UE) 2017/625 japplika mill-14 ta' Diċembru 2019. Għaldaqstant, ir-regoli stipulati f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw ukoll minn dik id-data.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjoni

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandha tapplika d-definizzjoni ta' "maħżen" stabbilita fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/2124.

Artikolu 2

Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 21(1) u tal-Artikolu 29(c) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/2124, il-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali stabbilit fil-Parti I tal-Anness ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għaċ-ċertifikazzjoni uffiċjali ta' kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji tal-annimali, prodotti derivati, ħuxlief u tiben u prodotti komposti li jiġu kkonsenjati:

(a) lill-bastimenti li jkunu se jitilqu mit-territorju tal-Unjoni u li jkunu maħsuba għall-provvista tal-vapuri jew għall-konsum mill-ekwipaġġ u mill-passiġġieri, jew

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jistipula r-regoli dwar il-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali ("ir-Regolament IMSOC") (ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/623/KE tad-19 ta' Awwissu 2003 dwar l-iżvilupp ta' sistema kompjuterizzata integrata magħrufa bħala Traces (ĠU L 216, 28.8.2003, p. 58).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/292/KE tat-30 ta' Marzu 2004 dwar l-introduzzjoni tas-sistema Traces u li temenda d-Deċiżjoni 92/486/KEE (ĠU L 94, 31.3.2004, p. 63).

(b) minn maħżen li jinsab fit-territorju tal-Unjoni lejn il-bażijiet militari tan-NATO jew tal-Istati Uniti li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni jew f'pajjiż terz.

Iċ-ċertifikat uffiċjali jista' jinħareġ f'format stampat jew b'mod elettroniku permezz tal-IMSOC.

2. Fejn il-kontenut tal-kunsinni jkun iffurmat f'maħżen u jkun magħmul minn prodotti ta' oriġini jew ta' kategoriji ta' prodotti differenti, jista' jinħareġ ċertifikat uffiċjali uniku biex jakkumpanja lil tali kunsinna.

Artikolu 3

Rekwiżiti għal ċertifikati uffiċjali li ma jiġux ippreżentati fl-IMSOC

Iċ-ċertifikati uffiċjali li ma jiġux ippreżentati fl-IMSOC għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

1. minbarra l-firma tal-uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni, iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jkollu timbru uffiċjali. Il-kulur tal-firma u tat-timbru għandu jkun differenti mill-kulur tal-istampar.

2. fejn iċ-ċertifikat ikun fih stqarrijiet, l-istqarrijiet li ma jkunux rilevanti għandhom jiġu ingassati, inizjalati u ttimbrati mill-uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni, jew jitneħħew għalkollox miċ-ċertifikat.

3. iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jikkonsisti minn:

   (a) folja waħda tal-karti; jew

   (b) diversi folji tal-karti fejn il-folji kollha jkunu indiviżibbli u jikkostitwixxu parti sħiħa integrali; jew

   (c) sekwenza ta' paġni numerati sabiex jiġi indikat li hija paġna partikolari f'sekwenza finita.

4. Fejn iċ-ċertifikat uffiċjali jikkonsisti minn sekwenza ta' paġni, kull paġna trid tindika l-kodiċi uniku kif imsemmi fl-Artikolu 89(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625 u jrid ikollha l-firma tal-uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni u t-timbru uffiċjali.

5. Iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jinħareġ qabel ma l-kunsinni li jkun relatat magħhom jitilqu mill-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jew fil-maħżen.

Artikolu 4

Rekwiżiti għal ċertifikati uffiċjali ppreżentati fl-IMSOC u għall-użu tal-firma elettronika

1. Iċ-ċertifikati uffiċjali ppreżentati fl-IMSOC għandhom ikunu bbażati fuq il-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali stipulat fil-Parti I tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. Iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jiġi ppreżentat fl-IMSOC qabel ma l-kunsinni li jkun relatat magħhom jitilqu mill-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jew fil-maħżen.

3. Iċ-ċertifikati uffiċjali ppreżentati fl-IMSOC għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-ħruġ ta' ċertifikat uffiċjali elettroniku u għall-użu ta' firma elettronika stipulati fl-Artikolu 39 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1715.

Artikolu 5

Noti dwar il-mili taċ-ċertifikat uffiċjali

Iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jimtela b'referenza għan-noti stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-14 ta' Diċembru 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

PARTI 1

Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali li jakkumpanja l-kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji tal-annimali, prodotti derivati, ħuxlief u tiben u prodotti komposti minn pajjiżi terzi li jiġu kkonsenjati lill-bastimenti li jkunu se jitilqu mill-Unjoni jew lill-bażijiet militari tan-NATO jew tal-Istati Uniti

Ċertifikat Uffiċjali għall-oġġetti kkonsenjati lill-bastimenti li jkunu se jitilqu mill-Unjoni

L-UNJONI EWROPEA **jew lill-bażijiet militari tan-NATO jew tal-Istati Uniti**

I.1	Post ta' kontroll fuq il-fruntiera/Awtorità kompetenti Numru ta' referenza tat-TRACES		**I.2** I.2.a	Numru ta' referenza taċ-ċertifikat Numru ta' referenza tal-IMSOC	
I.3	**Konsenjatur**		**I.4**	**Operatur responsabbli mill-kunsinna**	
	Isem			Isem	
	Indirizz			Indirizz	
	Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni				
	Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż		Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż
I.5	**Post tad-destinazzjoni (bastiment)** Isem il-bastiment Numru tal-OMI tal-bastiment Port Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.6**	**Post tad-destinazzjoni (bażi militari tan-NATO/tal-Istati Uniti)** Isem il-bażi militari tan-NATO/tal-Istati Uniti Numru ta' referenza tat-TRACES tal-bażi militari tan-NATO/tal-Istati Uniti Indirizz Pajjiż Post ta' kontroll fuq il-fruntiera (BCP) tal-ħruġ	Kodiċi ISO tal-pajjiż
I.7	**Mezz tat-trasport**	Numru/i ta' identifikazzjoni	**Nru tal-kontejner**		**Nru tas-siġill**

I.8 Deskrizzjoni tal-oġġetti

	Kodiċi NM	**Tip ta' prodott**	**Pajjiż tal-oriġini**	**Numru ta' pakketti**	**Piż nett (kg)**	**Referenza tas-CHED tal-oriġini**

☐ Dokument ta' sostenn: _____

I.9	**Numru totali ta' pakketti**		**I.10 Piż nett totali (kg)**
I.11	**Data tat-tluq**		
II.1	**Dikjarazzjoni:** (1) ☐ Jiena, l-uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni hawn taħt iffirmat nikkonferma li l-prodotti deskritti hawn fuq huma awtorizzati għad-dispaċċ lill-bastiment li se jitlaq mill-Unjoni (1) ☐ Jiena, l-uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni u hawn taħt iffirmat nikkonferma li l-prodotti deskritti hawn fuq huma awtorizzati għad-dispaċċ lejn bażi militari tan-NATO/tal-Istati Uniti		
II.2	Isem (b'ittri kapitali)		Kwalifika u titlu
	Awtorità kompetenti/BCP		Nru tar-reġistrazzjoni tat-TRACES tal-awtorità kompetenti/tal-BCP
	Data	Timbru	Firma
III.1	**Konferma tal-wasla u tal-konformità tal-kunsinna**		
	Jiena nikkonferma li l-kunsinna ntbagħtet:	(1)☐ abbord il-bastiment speċifikat fil-Kaxxa I.5	
		(1)☐ lejn bażi militari tan-NATO/tal-Istati Uniti speċifikata fil-Kaxxa I.6	
		(1)☐BCP tal-ħruġ	
	Konformità tal-kunsinna	☐Iva ☐Le	
III.2	(1)☐ **Awtorità kompetenti**	☐ **Rappreżentant uffiċjali tal-kaptan tal-bastiment**	☐ **Awtorità kompetenti responsabbli mill-kontrolli fil-bażi militari tan-NATO/tal-Istati Uniti**
	Isem (b'ittri kapitali)		Pożizzjoni
	Awtorità kompetenti		Nru tar-reġistrazzjoni tat-TRACES tal-awtorità kompetenti
	Post		
	Data	Timbru	Firma
(1) Żomm skont kif ikun xieraq			

PARTI 2

Noti dwar il-mili tal-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali

Ġenerali

Biex tindika xi għażla b'mod pożittiv, jekk jogħġbok agħmel sinjal fuq il-kaxxa rilevanti jew immarkaha b'X.

Il-"kodiċi ISO" jirreferi għall-kodiċi internazzjonali standard b'żewġ ittri li jintuża għal pajjiż, f'konformità mal-istandard internazzjonali ISO 3166 alfa-2 ([1]).

Kull meta kaxxa tippermetti l-għażla ta' opzjoni waħda jew iktar, dawk l-opzjonijiet biss jintwerew fil-verżjoni elettronika taċ-ċertifikat uffiċjali.

Parti I: Dettalji tad-dispaċċ tal-kunsinna

Kaxxa I.1.	Post ta' kontroll fuq il-fruntiera/Awtorità kompetenti: indika l-isem tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera (BCP) jew tal-awtorità kompetenti li toħroġ iċ-ċertifikat uffiċjali, kif xieraq, u n-numru ta' referenza tat-TRACES tagħhom.
Kaxxa I.2.	Numru ta' referenza taċ-ċertifikat: il-kodiċi obbligatorju uniku assenjat mill-awtorità kompetenti li toħroġ iċ-ċertifikat uffiċjali f'konformità mal-klassifikazzjoni tagħha stess. Huwa obbligatorju li din il-kaxxa timtela għaċ-ċertifikati kollha mhux ippreżentati fl-IMSOC.
Kaxxa I.2.a	Numru ta' referenza tal-IMSOC: il-kodiċi ta' referenza uniku assenjat b'mod awtomatiku mill-IMSOC, f'każ li ċ-ċertifikat irreġistrat fl-IMSOC. Timlix din il-kaxxa jekk iċ-ċertifikat mhux ippreżentat fl-IMSOC.
Kaxxa I.3.	Konsenjatur: fil-każ ta' dispaċċ minn maħżen, indika l-isem u l-indirizz (it-triq, il-belt u r-reġjun, il-provinċja jew l-istat, in-nru tar-reġistrazzjoni/tal-approvazzjoni, kif xieraq) tal-maħżen li minnu sar id-dispaċċ tal-kunsinna. Timlix din il-kaxxa jekk id-dispaċċ tal-kunsinna sar direttament minn post ta' kontroll fuq il-fruntiera.
Kaxxa I.4.	Operatur responsabbli mill-kunsinna: l-isem u l-indirizz (it-triq, il-belt u r-reġjun, il-provinċja jew l-istat, in-nru tar-reġistrazzjoni/tal-approvazzjoni, kif xieraq) tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli fl-Unjoni mill-bgħit tal-kunsinna lejn il-post tad-destinazzjoni.
Kaxxa I.5.	Post tad-destinazzjoni (bastiment): indika l-isem tal-bastiment li għalih hija maħsuba l-kunsinna, in-numru tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) tal-bastiment, l-isem tal-port, l-isem u l-kodiċi ISO tal-Istat Membru tad-destinazzjoni tal-oġġetti. Timlix din il-kaxxa jekk iċ-ċertifikat uffiċjali jinħareġ għall-bgħit tal-kunsinna lejn bażi militari tan-NATO jew tal-Istati Uniti li tinsab fit-territorju tal-Unjoni jew f'pajjiż terz.
Kaxxa I.6.	Post tad-destinazzjoni (bażi militari tan-NATO/tal-Istati Uniti): indika l-isem tal-bażi militari tad-destinazzjoni tan-NATO/tal-Istati Uniti li tinsab fit-territorju tal-Unjoni, l-isem u l-kodiċi ISO tal-Istat Membru fejn tinsab il-bażi militari tad-destinazzjoni tan-NATO jew tal-Istati Uniti. Jekk id-destinazzjoni hija bażi militari tan-NATO/tal-Istati Uniti li tinsab f'pajjiż terz, il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-ħruġ mill-Unjoni biss irid jiġi indikat f'din il-kaxxa. Timlix din il-kaxxa jekk iċ-ċertifikat uffiċjali jinħareġ għall-bgħit lill-bastimenti li jkunu se jitilqu mill-Unjoni.
Kaxxa I.7.	Mezz tat-trasport: Numru/i ta' identifikazzjoni: għall-ajruplani; indika n-numru tat-titjira, għall-bastimenti; l-isem/ismijiet tal-vapur, għat-trasport bil-ferrovija; l-identifikazzjoni tal-ferrovija u n-numru tal-vagun, għat-trasport bit-triq; in-numru tal-pjanċa tal-vettura flimkien man-numru tal-pjanċa tat-trejler, jekk ikun xieraq. Għall-kunsinni f'kontejners, il-pjanċa tat-trejler mhijiex obbligatorja jekk in-numru tal-kontejner ikun ġie indikat. Fil-każ ta' trasport b'lanċa, indika l-identifikazzjoni tal-vettura tat-triq, in-numru tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni tal-vettura flimkien man-numru tal-pjanċa tat-trejler jekk ikun xieraq, u l-isem tal-lanċa skedata.
Nru tal-kontejner:	jekk applikabbli, in-numri korrispondenti. In-numru tal-kontejner irid jiġi indikat jekk l-oġġetti jiġu ttrasportati f'kontejners magħluqa.

([1]) Lista ta' ismijiet tal-pajjiżi u elementi tal-kodiċi skont: http://www.iso.org/iso/country_codes/iso-3166-1_decoding_table.htm

Nru tas-siġill:	in-numru tas-siġill uffiċjali biss irid jiġi ddikjarat. Siġill uffiċjali jkun applikabbli jekk jitwaħħal siġill fuq il-kontejner, it-trakk jew il-vagun tal-ferrovija taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti li toħroġ iċ-ċertifikat.
Kaxxa I.8.	Deskrizzjoni tal-oġġetti: Deskrizzjoni tal-oġġetti u t-tip ta' prodott: indika l-kodiċi rilevanti tan-Nomenklatura Magħquda (NM), u t-titlu kif imsemmi fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]). Pajjiż tal-oriġini: indika l-pajjiż tal-oriġini tal-oġġetti. Referenza tas-CHED tal-oriġini: indika r-referenza tas-CHED għall-kunsinna li minnha huwa derivat in-numru rilevanti ta' kaxxi tal-prodott. L-informazzjoni taħt din il-kaxxa tista' tiġi pprovduta wkoll f'dokument ta' sostenn li jrid jiġi mehmuż maċ-ċertifikat uffiċjali. F'dan il-każ, il-kaxxa "Dokument ta' sostenn" trid timtela, inkluż in-numru ta' referenza tad-dokument(i) ta' sostenn.
Kaxxa I.9.	Numru totali ta' pakketti: indika n-numru ta' kaxxi jew ta' pakketti tal-oġġetti. Fil-każ ta' kunsinni sfużi, din il-kaxxa hija fakultattiva.
Kaxxa I.10.	Piż nett totali f'kilogrammi: dan huwa definit bħala l-massa tal-oġġetti biss mingħajr l-ebda kontenitur jew imballaġġ.
Kaxxa I.11.	Data u ħin tat-tluq: indika d-data u l-ħin tat-tluq intenzjonat tal-mezz tat-trasport mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jew mill-maħżen.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Parti II: Dikjarazzjoni

Din il-parti trid timtela minn veterinarju uffiċjali jew spettur uffiċjali tal-awtorità kompetenti fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jew fil-maħżen.

Parti III: Konferma tal-wasla tal-kunsinna

Din il-parti trid timtela:

— f'każ li d-destinazzjoni tkun bastiment li jkun se jitlaq mill-Unjoni; mill-awtorità kompetenti fil-port tad-destinazzjoni jew mir-rappreżentant uffiċjali tal-kaptan tal-bastiment;

— f'każ li d-destinazzjoni tkun bażi militari tan-NATO/tal-Istati Uniti li tinsab fit-territorju tal-Unjoni; mill-awtorità kompetenti responsabbli mill-kontrolli fil-bażi militari tan-NATO/tal-Istati Uniti;

— f'każ li d-destinazzjoni tkun bażi militari tan-NATO/tal-Istati Uniti li tinsab f'pajjiż terz; mill-awtorità kompetenti fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-ħruġ.